MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2013

Numru. 1261/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Antonio Briffa ta’ 34 sena bin Mario u Emanuela nee` Baldacchino imwieled Pieta` fis-27 t’Awissu 1978 u joqghod 93 Nido D’Amour Triq Guze D’Amato, Rahal Gdid u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 402078M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli fil-15 ta’ Settembru, 2012 u xhur qabel fir-razzett tieghu li jismu ‘Il-Girbeg’ li jinsab fi Triq l-Avjazzjoni Civili Hal-Luqa u/jew f’dawn il-gzejjer, xjentement laqa’ ghandu

jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta jew, xjentement b’kull mod indahal biex ibiegghom jew imexxihom u cioe` laqa’ ghandu zewg zwiemel (Shetland Ponies) li l-valur taghhom ma jeccedix 2,329.37 ewro, liema bhejjem kienu misruqa ghad-detriment ta’ Santos Barbara minn Rahal Gdid u/jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi z-zwiemel gew ritornati lil parte leza li m’ghandu l-ebda pretenzjoni fil-konfront tal-imputat. .

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------